MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 4/1999/1

**Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Dr. Veronica Aquilina LL.D. u b'digriet tad-29 ta' Settembru 2000 Dr. Veronia Aquilina kienet sostitwita bin-nomina ta' Dr. Richard Sladden) u Veronica Rossignaud L.P. nominati b'digriet tad-19 ta' Gunju 1998 kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-sid jew sidien incerti.**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Agent Kummissarju tla-Art:

Illi b'ittra ufficjali tas-16 t'April 1998 l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' kamra numru wiehed (1) fil-fond numru disgha u tletin (39) fi Sqaq ir-Regina, l-Belt

Valletta li giet akkwistata mill-awtorita' kompetenti bis-sahha tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur li jgib id-data tal-wiehed u tletin (31) ta' Marzu 1953 li llum l-Agent Kummissarju tal-Artijiet qed ihallas is-somma ta' zerg liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu bhala "Acquisition Rent' huwa ta' disa' u sebghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm79.80) kif jidher mir-rapport tal-Perit Mario Cilia A.&C.E. tal-24 ta' Marzu 1998.

Illi b'ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju, 1998 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma' jaccettawx il-kumpens offert.

Illi b'cedola ta' depozitu prezentata fl-4 t'Awissu gie ddepozitat il-kumpen offert ta' disa' u sebghin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm79.80) ghal fond fuq deskritt u dan ai terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kap 88

Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depozitu ma jimpediex l-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero' ir-rikorrent ikkonferma li jqisu gust u skond il-Ligi.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens relattiv ghall-post fuq imsemmi skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-intimat, debitament notifikat b'dan ir-rikors, naqas milli jintavola risposta izda peremezz ta' ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju 1998, l-istess intimat kien oppona l-offerta tal-Kummissarju tal-Art kwantu l-valur minnu offert;

Illi l-Bord kien assistit fuq din il-materja mill-perit arkitett Godfrey Vella u l-perit arkitett Michael Refalo li fuq

relazzjoni tal-istess, esebita u formanti parti minn din is-sentenza, ikkonkludew bil-mod segwenti:

Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, ghandu jkun ta' erba u disghin lira Maltija u hames centezmi (Lm94.05) [illum ekwivalenti ghall-Euro 219.08 (mitejn u dsatax-il euro u tmien centezmi).

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lis-socjeta intimata li titrasferixxi bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut , ta' kamra numru wiehed (1) fil-fond numru disgha u tletin (39) fi Sqaq ir-Regina, l-Belt Valletta li giet akkwistata mill-awtorita' kompetenti bis-sahha tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur li jgib id-data tal-wiehed u tletin (31) ta' Marzu 1953 u dan bil-valur ta' Euro 219.08 (mitejn u dsatax-il euro u tmien centezmi oltre l-imghax legali. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-14 ta' Jannar, 2009 fis-2.00 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrfha bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------